Minuti tas-seba' (07/7) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 03 ta' Ġunju 2013 fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Viċi Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut u s-Sur Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |
| Skużata: | Kunsilliera: | Is-Sinjorina Demelsa Grech |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 04/7 (25 t'April 2013)
   05/7 (20 ta' Mejju 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza
      i. Ittri li ntbagħatu
      ii. Ittri li rċevejna

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Aġġudikazzjoni ta' Tender:-
   a. Tender01/2013 – Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana

5. Espressjoni t'interess:-
   a. exp01/13 – Purchase/lease of a pick up van for Local council use
   b. exp02/13 – Leasing of suitable garage for LC use in Il-Gudja
   c. exp03/13 -To equip as necessary Life Long Learning Centre at Il-Gudja
   d. exp04/13 - Suitable equipment for live streaming – LC meetings

6. Proġett ta' Toroq:-
   a. Triq il-Kbira - progress

7. Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju – 2013

8. Management letter għas-sena finanzjarja 2012

9. Quarterly report – Jannar sa Marzu 2013.

10. Finanzi:-
    a. Petty Cash
    b. Skeda ta' Pagamenti
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien irċieva email mingħand il-Kunsilliera D. Grech sabiex tinforma li ma setgħetx tattendi l-laqgħa minħabba impenji serji oħra u li talbet li tiġi skużata.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li l-Kunsilliera Grech ghandha tiġi skużata u li għal fini tar-rassenja/remunerazzjoni għandha ukoll titqies li tkun entitolata għall-istess remmurazzjoni.

**1.0 <u>*Approvazzjoni ta' minuti:-*  04/7 (25 t'April 2013); 05/7 (20 ta' Mejju 2013)</u>**

1.1 Peress li dawn il-minuti ġew cirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa, il-Kunsill qabel li għandhom jiġu meħudha bħala moqrija.

Il-Kunsill approva dawn il-minuti nem con.

**2.0 <u>Kommunikazzjonijiet</u>**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Sinjali tat-traffiku – kaxxi bojod għall-parkeġġ fi Vjal it-Torri. Is-Sindku qal li peress li qed jaslu ħafna ilment għand il-Kunsill dwar parkeġġ bl-addoċċ hemm il-ħtieġa li jsiru marki bojod u b'hekk kull min ikun irrid jipparkja jkun jista' jagħmel hekk b'mod faċli kemm jista' jkun u mingħjar ma jippreġudika l-interessi ta' ħaddieħor.

Il-Kunsill qabel li jintalab il-permess u approvazzjoni tat-TM sabiex jiġi assigurat li l-Kunsill ikun qed jopera fit-termini kollha tal-liġi.

2.1.2 Ħarġa għall-Sqallija fis-07 ta' Lulju 2013. Is-Sindku qal li din il-ħarġa tidher li hija popolari kemm mar-residenti tal-Gudja kif ukoll ma' residenti oħra u dan peress li l-Kunsill ingħata prezz favorevoli u hemm ukoll programm ta' interess għal dawk li sejrin jipparteċipaw.

Il-finanzjament tal-Kunsill huwa biss għal-kiri ta' van/coach sabiex jieħu n-nies u jerġa iġibhom lura mill-moll tal-Virtu Ferries, il-Marsa.

Saret diskussjoni u sar qbil li din il-mawra għall-Sqallija tkun parti mill-program ta' Jum il-Gudja 2013 u għalhekk s-soltu ħarġa għal Għawdex mhux sejra tkun parti mill-program Jum il-Gudja 2013.

2.2 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Ġbir ta' ħġieg minn quddiem il-bibien tar-residenti. Is-Sur Baldacchino qal li fil-ħidma tiegħu dwar l-ambjent u x-xogħol mal-Greenpak kien intlaħaq ftehim sabiex fliexken/vażeti tal-ħġieġ għandhom jitpoġġew f'kaxxa tal-kartun jew basket tal-karti u jitqiegħed quddiem il-bieb tar-residenti rispettivi sabiex dawn jinġabru fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar mid-9.00a.m. il-quddiem.

Is-Sur Baldacchino qal li r-residenti dejjem qed jikkoperaw fis-separazzjoni tal-iskart u jinsab ċert li sejrin jaraw li l-fliexken u l-vażetti jkunu nodfa.

Is-Sur Baldacchino qal li f'isem il-Kunsill huwa xtaq jirringrazzja r-residenti kollha tal-Gudja għall-koperazzjoni tagħhom li jissperaw l-iskart fl-aħjar interess tal-ambjent tagħna.

b. Skemi sabiex is-soft areas madwar il-Gudja jiġu rranġati u jitgawdew aħjar mir-residenti tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal illi madwar il-Gudja hemm soft areas li jistgħu jiġu rranġat aħjar u b'hekk ikunu jistgħu jitgawdew aktar mir-residenti tal-Gudja. Huwa semma bħal eżempju s-soft areas magħrufa tal-Qalb ta' Ġesu. Is-Sur Baldacchino qal li bi ftit ħsieb u mingħajr infieq kbir setgħu jiġu irranġati aħjar. Huwa qal li għalhekk huwa kien qed jipproponi li jitqabdu l-kuntratturi l-ELC sabiex jagħmlu rapport dwar dawn is-soft areas u jagħmlu ukoll stima dwar dawn is-soft areas sabiex meta l-Kunsill ikollu l-informazzjoni meħtieġa jkun jista jikkonsidra l-proġetti li għalkemm żgħar ikunu ta' fejda għar-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel ma' dak li ippropona s-Sur Baldacchino.

Is-Sur Baldacchino qal li l-ħidma tiegħu dwar l-ambjent hija kontinwa u diffiċli tgħidha fi ftit kliem u għalhekk kien qed jillimita ruħu għal dak li diġa semma.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. The Traditional Country Life. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill Lokali Il-Gudja għal darba oħra ġie aċċettat bħala partner fi proġett tal-Youth in Action tal-Unjoni Ewropea f'Jihlava, fir-Repubblika Ċeka.

Is-Sur Sammut qal li huwa kien ilu jaħdem għal dan il-program bosta xhur iżda għamel hekk fl-aħjar interess tal-Gudjani u l-Kunsill tal-Gudja. Is-Sur Sammut qal li l-proġett sejjer issir bejn it-08 u s-16 t'Awwissu 2013 u huwa miftuħ għal erba' żgħażagħ bejn it-22 u s-26 sena u huwa program varjat ħafna u ser jiffoka fuq it-tradizzjonijiet tipiċi tal-ħajja rurali. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hija sat-08 ta' Lulju 2013.

L-ispejjeż kollha tal-akkomodazzjoni, transport, attivitajiet u ikel jitħallsu mill-budget tal-Youth in Action tal-Unjoni Ewropea.

Il-parteċipanti jħallsu biss 30% tal-flight u travel insurance u li b'kollox għandhom jammontaw għal mhux aktar minn €200.00 kull wieħed. Huwa qal li hemm ħtieġa ta' mexxejja taż-żgħażagħ b'esperjenza ta' Youth Leadership u li jixtiequ jkunu konsidrati bħala leaders f'dawn it-tip ta' proġetti. Il-Kunsill iħallas l-ispiża tal-Youth Leaders.

Persuni interessati għandhom jiġu mitluba jibgħatu d-dettalji kollha tagħhom lill-Kunsill u jindikaw l-esperjenza f'dan il-qasam ta' Youth Leadership.

Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkusanzi għandha titbagħat ċirkulari lir-residenti kollha tal-Gudja u li tingħata data speċifika sabiex dawk kollha interessati jinfurmaw lill-Kunsill kemm jekk dawk li irridu jipparteċipaw kif ukoll dawk li jridu jkunu Youth Leaders f'dan il-qasam.

ii. Attivitajiet waqt il-program ta' Jum il-Gudja 2013. Is-Sur Sammut qal li kien qed jipprepara sabiex ikun hemm taħriġ tar-roti u attivitajiet sportivi li jiġbru parteċipanti Gudjani. Huwa qal li kien qed ukoll jaħdem dwar attivitajiet sportivi għas-Sajf u li jsir użu akbar mill-faċilitajiet tal-Kumpless Sportiv tal-Gudja FC kif miftiehem fil-PPP Agreement. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal il-Kunsillier Sammut.

b. Stefan Caruana

i. Il-Gudja fuq il-mappa kulturali u turistika: Proġett Erba' Staġuni. Is-Sur Caruana qal li jinsab ċert li l-Kunsill kollu jinsab ħerqan li npoġġu lir-raħal tal-Gudja fuq mappa kulturali u dan issir billi jimxi b'mod parallel iżda mhux b'mod kompettivi ma' inizjattivi oħra, speċjalment mar-rotta kulturali li hija diġa ppjanat fir-raħal tal-Gudja. Huwa spjega kif dan il-proġett li ser jitwettaq fuq sena u ser jiġi varat ukoll fl-attivitajiet ta' Jum il-Gudja 2013.

Dan il-proġett l-Erba' Staġuni sejjer ikun jorbot kull staġun ma' Knisja/Kappella partikolari li hawn fil-Gudja. Huwa semma kif ser jitqasmu u ta' r-raġuni għaliex sar dan il-qsim.

Huwa spejga li fit-08 ta' Lulju 2013 sejjer ikun hemm Santa Katarina u l-inħawi fi Triq Raymond Caruana peress li din hija fi Triq tal-Kunsill u għalhekk ikun xieraq li tiġi ukoll marbuta mal-program ta' Jum il-Gudja.

Il-ħsieb wara l-proġett l-Erba' Staġuni huwa msejjes li peress il-Gudja hija mżejna b'erba' kappelli, li barra li għandhom il-ġmiel tagħhom, huma ukoll marbutin mal-istorja tal-Gudja u ta' Malta.

Peress li s-sena għandha erba' staġuni jkun xieraq li kull kappella jkollha staġun marbut magħha u b'hekk tkun tista' tingħata aktar għarfien u promozzjonij lil dawn s-siti kif ukoll lill-inħawi tal-madwar.

Il-proġett tal-Erba' Staġuni fil-Gudja għandu jkun ta' attrazzjoni kemm kulturali kif ukoll turistika kemm għal Maltin kif ukoll għal barranin għaliex ikun qed jinħoloq skop għaliex wieħed għandu jżur il-Gudja.

Kif diga intqal hawn fuq dan jibda fis-Sajf – Santa Katarina – f'Jum il-Gudja peress illi l-Kunsill għandu s-sede tiegħu fil-viċinanza ta' din il-Kappella bil-għan ukoll li tiġi restawrata.

Ħarifa – Kappella Santa Marija ta' Bir Miftuħ (marbuta mad-domma tal-Assunzzjoni – meta l-Madonna telgħet s-sema bir-ruħ u l-ġisem).

Xitwa – Kappella ta' Loretu (marbuta mal-festa tagħha)

Rebbiegħa – Kappella Lunzjata (marbuta mal-festa tagħha f'April)

Dan il-proġett huwa maħsub li tingħata promozzjoni kontinwa lil dawn is-siti kif ukoll l-inħawi ta' madwar b'mod sostenibbli u bl-aktar mod organizzat mingħajr il-ħtieġa ta' nefqa żejda iżda ukoll bil-ħsieb li jinkisbu fondi sew mill-Gvern Ċentali u anke fondi Ewropea sabiex il-patrimonju Gudjan jinżamm kif meħiteġ u li jkun jista iservi sabiex il-Gudja ikun fuq il-mappa kulturali u dik turistika u bil-ħsieb ukoll li l-Gudja tkun affiljata mal-Proġett Nazzjonali u Internazzjonali V18.

Kif diġa semmejna l-varar u l-bidu ta' dan il-proġett pilota sejra tkun attivita' fit-triq tal-Knisja/Kappella ta' Santa Katarina nhar it-08 ta' Lulju 2013 mis-6.30op.m. il-quddiem.

Din l-attivita ser tkun qed tinkorpora logħob tradizzjonali u traddizjonjiet Maltin, logħob sportive u tnedija uffiċjali tal-istess programm tas-Sajf Jum il-Gudja 2013 mis-07 ta' Lulju sal-15 ta' Lulju 2013 Jum il-Gudja 2013.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal s-Sur Caruana u wiegħed is-sostenn meħtieġ għal dan il-proġett pilota b'risq il-Gudja.

Is-Sur Caruana irringrazzja lil Kunsill kollu u stieden il-parteċipazzjoni ta' kulħadd sabiex dan il-proġett pilota jkun ta' suċċess b'risq il-Kunsill Lokali Il-Gudja u –residenti kollha tal-Gudja.

ii. Youth in Action Programme 2013 – Interlacing of Cultures on a Friend's Ship – Il-Gudja Local Council – Sillamae – Estonia. Is-Sur Caruana qal li kien grupp leader li ħa żgħażagħ Gudjani sabiex jipparteċipaw f'dan il-program u qal li dan kien suċċess kbir u l-parteċipanti ħadu gost fih u li dan sejjer iservi għall-iżvilupp ta' dawn iż-żgħażagħ parteċipanti li tant ipparteċipaw sewwa għas-suċċess ta' l-istess program.

Is-Sur Caruana qal li hemm ix-xewqa minn naħa tal-organizzaturi f'Sillamae - Estonia li jkun hemm kollaborazzjoni u kordinazzjoni fi proġetti ta' fejda għaż-żewġ kunsilli u n-nies tagħhom. Huwa ippreżenta rapport dwar iż-żjara kif ukoll dwar ix-xewqa li jkun hemm aktar ħidma konġunta bejn iż-żewġ Kunsilli.

Is-Sur Caruana irringrazzja lill-Kunsill f'ismu u f'isem iż-żgħażagħ parteċipanti talli għamel dan il-programm possibli.

2.3 Korrispondenza:- Ittri li ntbagħatu u Ittri li rċevejna

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħatu u dawk li rċevejna sabiex ikompli jassigura li jkun hemm l-azzjoni meħtieġa u f'waqta fl-aħjar interess tal-Kunsill u tar-residenti tal-Gudja.

**3. <u>Rapporti:-</u>**

**<u>a. Ilmenti</u>**

3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ilmenti u ġie infurmat dwar l-azzjonijiet meħuda bil-għan li dawn l-ilmenti jiġu solvuti fl-aqsar żmein possibli u fejn meħtieġ issir pressjoni fuq l-Awtoritajiet kompetenti sabiex dawn ikomplu jaħdmu mal-Kunsill fl-aħjar interess tar-residenti kollha tal-Gudja.

**4.0 <u>Aġġudikazzjoni ta' Tender:-</u>**

**<u>Tender01/2013 – Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana</u>**

4.1 Is-Sur Baldacchino informa lill Kunsill illi huwa flimkien mal-Perit tal-Kunsill kien għadu jistħarreġ l-materjal offrut kif ukoll l-ħiliet u l-kompetenzi ta' dawk li għamlu l-offerta u dan sabiex il-Kunsill kollu l-aħjar u b'nefqa bl-aktar bil-galbu. Huwa qal li l-Kunsill talab ukoll l-estenzjoni dwar il-fondi tal-UIF sabiex dan il-proġett jitlesta sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2013.

**5.0 <u>Espressjoni t'interess</u>**

5.1 exp01/13 – Purchase/lease of a pick up van for Local council use. Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' dawk li għamlu l-offerta u qabel li peress li l-prezzjijiet ikwotati huma barra minn dak li ħaseb il-Kunsill, ma kelliex tittieħed deċiżjoni fuq dan f'dan l-istadju.

Il-Kunsill qabel li dwar l-operat tal-pick-up van u s-sistema tal-ġbir tal-bulky din għandha tiġi konsiderata minn xahar għal xahar.

5.2 exp02/13 – Leasing of suitable garage for LC use in Il-Gudja. Il-Kunsill ħa konjuzjoni li ħadd ma wera interess f'din is-sejħa u qabel li din terġa tersaq quddiem il-Kunsill minn żmien għal żmien kif ikun meħtieġ.

5.3 exp03/13 -To equip as necessary Life Long Learning Centre at Il-Gudja. Il-Kunsill ħa konjuzjoni li kien hemm offerta waħda u qabel li din għandha terġa' toħroġ bil-għan li jkun hemm tlett offerti u tkun tista' issir l-għażla.

5.4 exp04/13 - Suitable equipment for live streaming – LC meetings. Il-Kunsill ħa konjuzjoni li ma kienx hemm offerti u qabel li filwaqt li għandha tinkiseb aktar informazzjoni dwar dan, din għandha terga' toħroġ bil-għan li jkun hemm tlett offerti u li tkun tista' issir l-għażla.

**6.0 <u>Proġett ta' Toroq:-</u>**

**<u>a. Triq il-Kbira – progress</u>**

6.1 Is-Sindku spjega li kellu ħafna laqgħat u kuntatti kemm mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll ma' Perita u enġinera oħra tal-WSC bil-għan li tiġi solvuta l-problema tad-drenaġġ għaliex ix-xogħol ma jistax jitkompla sakemm il-WSC ma jlestux dan ix-xogħol meħtieġ.

Is-Sindku qal li jidher li l-ħsara ilha hemm għal bosta snin u ma jaħsibx li din hija kwistjoni li tista' tingħlaq billi tordom għaliex din tkun ħela ta' flus u huwa għalhekk li għalkemm hemm ħafna tgergir mir-residenti l-Kunsill għadu qed jinsisti mal-WSC li dawn għadhom isewwu l-ħsara fi żmien qasir.

6.2 Is-Sindku qal li l-kuntrattur Denfar Concrete Supplies Ltd li għandu l-kuntratt tal-bankini u l-kuntrattur Philip Agius & Sons Ltd li għandu l-kuntratt tar-resurfacing, jinsabu jikkordinaw flimkien sabiex isegwu dak meħtieġ mill-WSC (bi spejjeż għal WSC) u jkun jistgħu jippjanaw sabiex jibdew u jlestu x-xogħol malli l-WSC tagħmel dak ix-xogħol fuq id-drenaġġ u kif meħtieġ.

6.3 Il-Kunsill qabel li kull xogħol li għalih ikun sejjer iħallas il-Kunsill għandu qabel ma jibda jitwettaq jiġi valutat mill-Perit talKunsil u kopert minn Works Order maħruġa mill-Kunsill.

**7.0 <u>Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju – 2013</u>**

7.1 Is-Sindku qal li għal din i-sena l-program sejjer jibda fis-07 ta' Lulju 2013 bil-mawra għal Sqallija u li sejjer ikun fih diversi attivitajiet fosthom dawk li diġa issemmew aktar il-quddiem f'dawn il-minuti.

Is-Sindku qal li hija x-xewqa tal-Kunsill l l-ispejjeż jiġu limitati u dan anke peress li l-awdituri kienu ikkummentaw dwar in-nefqa tal-progrma ta' Jum il-Gudja 2012. Is-Sindku qal li għandu jibagħat abboz tal-program lill-kunsillieri kollha sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

7.2 Is-Sindku qal li l-program sejjer ikun fih il-parteċipazzjoni tal-Kunsillieri kollha u l-abbozz finali ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**8.0 <u>Management letter - 2012</u>**

8.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-kontenut ta' din l-management letter u wara diskussjoni dwar diversi punti fosthom it-terminu 'donazjoni' u s-servizzi tal-baned tal-lokal kif provduti lill-Kunsill u dwar l-attendenza u l-pagament ta'

xi kunsilliera, qabel u approva l-abboz tat-tweġieba li tintbagħat f'isem il-Kunsill u li tiġi ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

8.2 Il-Kunsill qabel ukoll illi n-nuqqassijiet kif indikati mill-awdituri għandhom jiġu segwiti għaliex dawn jgħinu fil-governanza tajba tal-Kunsill.

**9.0 Quarterly report – Jannar sa Marzu 2013.**

9.1 Il-Kunsill ħa konjuzni tal-kontenut ta' dan ir-rapport u wara xi spejgazzjonijiet dan ir-rapport ġie approvat nem con.

Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport għandu jiġi iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u li jimxi skond l-proċeduri stabbiliti.

**10.0 Finanzi:-**

10.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €79.67 għax-xahar ta' April 2013.

10.2 Skeda ta' Pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju għas-somma ta' €22,132.08 ġiet approvata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda.

10.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva xogħlijiet u materjal kif indikati f'dawn il-minuti u li wara li toħroġ il-works order tal-Kunsill dawn ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jitwettqu u jersqu għal ħlas rispettiv fuq l-iskeda tal-pagamenti tal-Kunsill.

**11.0 Għeluq tal-laqgħa u aġġornament**

11.1 Peress li t-temi kollha fuq l-Agenda ġew eżawriti s-Sindku aġġorna l-laqgħa fid-9.00p.m. għat-Tlieta 02 ta' Lulju 2013 fuq Agenda li tiġi ċirkulata għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Approvati:-